MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Numru 618/2013

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Etienne Farrugia**, ta` 36 sena, iben Joseph u Maria Dolores nee Cutajar, mwieled Peta' nhar il-5 ta' Jannar 1977, residenti fil-fond nru 1, Triq Vassalli Zebbug u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 84077(M) u persuna ohra:

Talli nhar l-24 ta' Gunju 2013 ghall-habta ta' 4.45pm minn gewwa residenza numru 101 Triq Felice Zabbar bil-hsieb li jikkommettu delitt, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt ta' serq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u kieku sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u kien ikun sar ghad-dannu ta' Marion Micallef u/jew persuna/i ohra;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamel hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn mija u sittax il- ewro u sebgha u erbghin centenzmu izda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centenzmu ta' l-ewro u saret ghad-dannu ta' Marion Micallef u/jew persuna/i ohra;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kif ukoll l-ghada 25 ta' Gunju 2013 naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet tal-Qrati tal-Magistrati Malta b'liema digriet kien inghata il-helsien mill-arrest taht garanzija li jkun rinkazat fis-sitta ta' filghaxija sa l-ghada filghodu u li ma jikkommettix reat ta' natura volontarja waqt li jkun qed jibbenefika minn dan il-helsien;

Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 19.01.2007.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263, 267, 276, 277(b), 325(b), 579(2), 49 u 50 u 41 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali raffrettarja tal-imputat minn fejn jirrizulta illi minkejja diversi opportunitajiet moghtija lilu mill-Qorti, xorta wahda baqa' jxellef dufrejh mal-gustizzja;

Ghalhekk qed tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' priguenrija ta zmien sena (1) mil-lum.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens ta' l-avukat generali sabiex dan il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, l-Qorti tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------